# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar is-26 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru : 325/2021 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**AB**

**vs**

**ABO**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' AB datat 27 ta' Lulju 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. ***Illi*** *l-kontendenti konjugi kkontrattaw iz-zwieg ta' bejniethom fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru, tas-sena elfejn u tnejn (2002) (Dokument hawnhekk anness u mmarkat bhala* ***DOKUMENT A****) u miz-zwieg taghhom twieldet tifla minuri, AN, nhar X;*

2. ***Illi*** *l-imsemmija konjugi kienu nfirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat min-Nutar Dottor Anne Marie Tonna fid-dsatax (19) ta' Gunju, tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) (Dokument hawnhekk anness u mmarkat bhala* ***DOKUMENT B****);*

3. ***Illi*** *jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni illi, fir-rigward ta' l-obbligi tal-hlas tal-manteniment, il-konjugi kienu rrinunzjaw ghad-dritt ta' manteniment minghand xulxin [Artikolu 5(i) ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni*

*ppubblikat fid-dsatax (19) ta' Gunju, tas-sena elfejn u ghoxrin (2020);*

4. ***Illi*** *jirrizulta wkoll mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, illi dwar l-obbligi tal-hlas tal-manteniment fir-rigward tal-minuri, l-konjugi kienu qablu illi l-esponent jikkontribwixxi l-ammont ta' tlett mitt Euro (€300) kull xahar, pagabbli lill-intimata, kull l-ewwel jum tax-xahar bil-quddiem [Artikolu 5(ii) ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fid-dsatax (19) ta' Gunju, tas-sena elfejn u ghoxrin (2020)];*

5. ***Illi*** *jirrizulta wkoll mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni illi tali manteniment lill-intimata ghandu jizdied kull sena, b'effett mill-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022), skont l-Indici Ufficcjali dwar l-gholi tal-hajja. Ma' dan l-ammont l-esponenti jkun obbligat ukoll li jaqsam b'mod ugwali ma' l-intimata l-ispejjez edukattivi, nkluz donazzjonijiet, privatijiet, uniformijiet, kotba etc., u nkluz ukoll spejjez relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari, kif ukoll dawk relatati mas-sahha tal-minuri. Tali spejjez ghandhom jithallsu mir-**Rikorrenti** lill-intimata immedjatament mal-prezentazzjoni tal-ircevuti relattivi. Tali manteniment, kif ukoll is-sehem tieghu ta' l-ispejjez relatati ma' l-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri, ghandhom jibqghu jithallsu mir-**Rikorrenti** sakemm il-minuri taghlaq it-tmintax (18) -il sena jew sakemm taghlaq it-tlieta u ghoxrin (23) sena f'kaz li tibqa' tistudja f'livell post sekondarju. Il-manteniment izda ma jibqghax jithallas ukoll f'kaz li l-minuri tkun f'impjieg full time. L-istess manteniment jieqaf ukoll jekk il-Minuri ma tibqax tattendi l-iskola full-time u dan anke jekk ma tkunx f'impjieg full-time. L-istess manteniment hawn miftiehem ghandu jibqa' jithallas direttament lill-minuri f'kaz li din ma tibqghax tabita mal-**intimata.***

6. ***Illi*** *l-partijiet qablu wkoll li kwalunkwe family/Children's allowances li jista' jkun hemm spettanti lill-partijiet ghandha tircevihom l-intimata sakemm il-minuri tibqa' tirrisjedi fl-istess residenza maghha. F'kaz li l-minuri tibda tirrisjedi mar-**Rikorrenti** l-istess allowances jibda jircevihom ir-**Rikorrenti.***

7. ***Illi*** *l-partijiet qablu wkoll fl-istess kuntratt ta' separazzjoni illi, f'kaz li l-minuri tibda tirrrisjedi mar-**Rikorrent,** il-manteniment hawn provdut ghall-minuri, jkun dovut mill-intimata lir-**Rikorrent,** b'dana illi f'tali eventwalita`, tenut kont tal-*

*mezzi tal-komparenti intimata,* *l-manteniment ghandu jkun ta' mitejn ewro (€200) kull xahar, pagabbli mill-intimata lir-***Rikorrent** *kull l-ewwel jum tax-xahar bil-quddiem, bhala manteniment ghall-minuri. Tali manteniment ikun ukoll soggett li jizdied kull sena skont l-indici ufficjali dwar l-gholi tal-hajja. F'tali kaz ukoll, u cioe` jekk il-minuri tibda tirrisjedi mar-***Rikorrent,** *l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha jibqghu responsabbilta f'porzjonijiet ugwali bejn iz-zewg partijiet u tali spejjez jibdew jithallsu mill-intimata lir-***Rikorrent** *kif provdut fil-klawsola 5 (ii) tal-kuntratt ta' separazzjoni u taht l-istess kondizzjonijiet.*

8. ***Illi*** *ma hemm l-ebda prospetti raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti;*

9. ***Illi*** *ghalhekk il-kondizzjonijiet kontemplati fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta huma sodisfatti u in vista wkoll tal-fatt illi l-konjugi huma diga separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, mhuwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.*

***Ghaldaqstant*** *l-esponent jitlob bir-rispett illi, a tenur tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa s-smiegh tal-partijiet kif stipulat fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta, u wkoll sabiex tigi stabbilita l-ezistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet kontemplati fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif kontemplat fl-imsemmi Artikolu 66C.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-Nota tal-intimata datata 26 ta' Awwissu 2021;

Rat in-Nota kongunta tal-partijiet datata 14 ta' Ottubru 2021;

Rat illi l-intimata dehret ghas-seduta mhejjija minghajr assistenza legali;

Rat illi l-Qorti spjegat id-drittijiet taghha ghall-assistenza legali , izda l-intimata ddikjarat li ma

tixtieqx li tkun assistita u li ma ghandhiex oggezzjoni ghad-divorzju (vide verbal datat 24 ta' Jannar 2021);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AB xehed** (vide affidavit fol 21) illi l-kontendenti zzewgu nhar it-23 ta' Ottubru 2002, u li minn dan iz-zwieg kellhom tifla li ghadha minorenni. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u sseparaw permezz ta' kuntratt konsenswali nhar id-19 ta' Gunju 2020. Iddikjara illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Sostna illi ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom stante li dejjem gew rispettati il-klawzoli tal-kuntratt, kif ukoll ikkonferma illi huwa u l-intimata irrinunzjaw ghal kull dritt ta' manteniment versu xulxin.

**ABO xehdet viva voce** (vide fol 33 et seqq.) u kkonfermat u kkollaborat dak li xehed l-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-23 ta’ Ottubru 2002, liema zwieg jgib certifikat numru 1881/2002 (Vide certifikat taz-zwieg Dok A, fol 6). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla, li ghadha minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta’ kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Anne Marie Tonna nhar id-19 ta’ Gunju 2020 (vide Dok. B fol 7 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta’ zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta’ manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1881/2002 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**